**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Paul Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 1078/14**

**Illum, 12 ta' Mejju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi detentur tal-karta tal-identita` numru 592678M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Talli fil-lejl ta' bejn is-26 u is-27 ta' Frar 2014 minn gewwa il-kiosk bl-isem ta' 'Sweet Box' illi jinsab fi Vjal Nelson Floriana ikkometta serq ta' sigaretti u xorb, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment ta' Clyde Gauci u Sandra Gauci u/jew persuna/i ohra *(Art 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 278 (3), 279 (a) Kap 9)*:

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-28 ta' Frar u l-1 ta' Marzu 2014 minn gewwa il-kiosk bl-isem ta' 'Sweet Box' illi jinsab fi Vjal Nelson Floriana ikkometta serq ta' sigaretti u flus, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u

tletin centezmu (€2,329.37) bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment ta' Clyde Gauci u Sandra Gauci u/jew persuna/i ohra *(Art 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 278 (3), 279 (a) Kap 9)*:

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-17 u it-18 ta' Frar2014 ittanta li jisraq minn hanut bl-isem ta' Bags World li jinsab Triq San Zakkarija il-Belt Valletta ghad-dannu ta' Ramon Zahra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta` tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz u bil-hin *(Art 41(1)(a), 261(b)(f), 263(a), 270, 278 (2) Kap 9)*:

4. U aktar talli fl-1 ta' April 2014 ittanta li jisraq minn hanut bl-isem ta' Bags World li jinsab Triq San Zakkarija il-Belt Valletta ghad-dannu ta' Ramon Zahra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta` tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz u bil-hin *(Art 41(1)(a), 261(b)(f), 263(a), 270, 278 (2) Kap 9)*:

5. U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-Pre Sentening Report mitlub mid-difiza datat erbatax (14) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015) redatt mill-ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri;

Rat il-konkluzjonijiet tal-istess ufficcjal tal-Probation Sharlet Fabri (Dok SF1) fejn qalet *inter alia* illi:

***"L-Ufficjal tal-Probation thoss li jkun ghaqli li Paul Camilleri jibqa' jibbenefika mis-sapport moghti lilu kemm minn-naha ta' dawk qrib tieghu, u kif ukoll min-naha tal-professjonisti fil-qasam tal-vizzju tad-droga u cioe; mat-tabib tieghu Dr. Antoine Ellul u s-Substance Misuse Outpatient Unit sabiex eventwalment jehles ukoll mill-mistura methadone. Huwa ta' importanza li Paul Camilleri jzomm ix-xoghol li ghandu u jibqa' sejjer fit-triq it-tajba li qabad sabiex ikun indipendenti u jghix hajja ta' bzulija 'l boghod mill-vizzji.***

***Mill-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, jirrizulta li Paul Camilleri ghamel kambjament kbir minn mindu wettaq ir-reati li bihom jinsab akkuzat. Ghaldaqstant, qed jigi umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li Paul Camilleri jinghata Ordni ta' Probation sabiex ikompli jinghata gwida u ghajnuna biex jindirizza aspetti problematici f'hajtu filwaqt li jkompli miexi fit-triq tajba li qabad. Izjed minnhekk, qed jigi ssuggerit ukoll li Paul Camilleri jaghti l-kumpens lis-Sinjuri Sandra u Clyde Gauci, is-sidien tal-kiosk bl-isem Sweet Box".***

Illi ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha u ma taghtix cans lill-imputat sabiex jibni hajja decenti il-boghod minn kull vizzju w illegalita` u dan kif hareg car mir-rapport hawn fuq citat, u ghalhekk anke jekk l-imputat ghandu addebitat lilu l-aggravju tar-recidiva, din il-Qorti mhix ser taghti piena karcerarja izda piena intenzjonata ghar-riforma tal-imputat Paul Camilleri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat Paul Camilleri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante ammissjoni mill-istess imputat ghall-akkuzi kif deodtta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3)

snin u dan taht kull direttiva hekk suggerita mill-Ufficjal tal-Probation elenkata fir-rapport taghha.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qeghda wkoll tordna lill-akkuzat Paul Camilleri sabiex ihallas is-somma ta' elf, erba' mija u ghaxar Ewro u ghoxrin centezmu (€1,410.20) lil Sandra u Clyde Gauci u dan fi zmien sentejn (2) snin millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta. Inoltre, tibgaht kopja tal-Ordni ta' Probation lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

_______________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**